MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 119/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Joseph John Paul Cutajar**

Kaz Numru 119/2011

Illum 4 ta’ Gunju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph John Paul Cutajar**, ta’ erbgha u tletin (34) sena, bin Emanuel u Angela neé Cauchi, imwieled Queens, New York City, l-Amerka nhar il-11 t’Awwissu 1977, residenti Blokk A, Flat 1, Triq il-Birbuba, Gharb, Ghawdex u

detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 499893G, akkuzat talli:

1. matul is-sena 2010, f’dawn il-gzejjer, approprja ruhu, billi dawwart bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju, u dan ghad-detriment ta’ Jesmond Grima miz-Zejtun, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qorti t’Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat, fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2012, jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta’ Jannar 2013 (*a fol.* 47) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 293, 294 u 301(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Frar 2013, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet, ghall-darba ohra, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.
Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fatt li gie ffirmat kostituzzjoni ta' debitu fit-3 ta' Dicembru 2012 (Dok. "JG 2") fejn l-imputat kkommetta ruhu li jhallas kwalunkwe ammont dovut lill-parti leza f'modalitajiet mensili u kif ukoll il-fatt li l-imputat diga hallas numru minn dawn il-modalitajiet li huwa obbliga ruhu li jhallas. In vista ta' dan, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja fil-konfront tal-imputat. Apparti li l-Qorti hija konxja li, stante li l-imputat gie akkuzat, fost l-ohrajn, taht Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'huwiex possibbli li l-imputat jigi kkundannat ghal perjodu ta' prigunerija sospiza, hija tal-fehma, minn dak li jirrizulta mill-atti u mid-dikjarazzjonijiet li saru mill-Ufficjal Prosekutur u mid-difiza waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, li hemm lok sabiex jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat ghandu jifhem li huwa qieghed jinghata cans sabiex

jirriforma hajtu u jpoggieha fit-triq it-tajba u li f'kaz li ma jiehux din l-opporunita ser ikun hemm konsegwenzi serji.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-3 ta' Jannar 2013 u senjatament Artikoli 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi l-Qorti hija tal-fehma li ghal dawn l-imputazzjonijiet jissussistu l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Joseph John Paul Cutajar taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordnijiet ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Joseph John Paul Cutajar.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------